SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 35/2021

20 ta' Diċembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti

Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

35.1. **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

35.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 34-2021**

35.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 34-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato.

35.2.1 Is-Sindku Charmaine St John qalet li ref punt 34.2.4 (il-bring in sites ta' Triq Begonja) l-kuntrattur kellu jmur l-għada tal-laqgħa sabiex idawwar il-kameras biex jigu jħarsu fuq il-bring in sites.

35.2.3 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li l-Kunsill kellu jagħmel l-link online permits fuq il-website tal-Kunsill.

35.2.4 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa rigward il-mistoqsijiet tiegħu jekk il-kunsill kellux xi risposta rigward il-bankina kollha moffa. Is-Sindku kkonfermat li kienet tkellmet mal-kuntrattur li qiegħed jikkonferma li din il-problema tiġri meta l-bankina ma tarax xemx u mhux għax ma sarx ix-xogħol sew.

**35.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagament.**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagament numru 35-21 għal perjodu bejn 13 ta' Novembru u s-17 ta' Diċembru 2021 u minn ċekk numru BOV 8380 sa cekk numru BOV 8389 u minn Bank Transfer 285/21 sa 315/21.

**35.4 Rapporti**

**Approvazzjoni Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet t-tielet kwart tal-Quarterly Financial Statements Q3 (Jannar – Settembru, 2021). Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

**Approvazzjoni risposta għall-Management Letter 2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet qiegħda tippreżenta r-risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Management Letter sabiex Tintbgħat lil N.A.O.

**35.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**35.5.1 Sejħa għal Kwotazzjonijiet SLLC Q(57-22-01) Servizz ta' Accountant**

Is-Sindku qalet li l-kuntratt tal-*Accountant* kien skada u għalhekk issuġġerixiet li l-Kunsill joħroġ sejħa sabiex il-Kunsill ikollu kuntratt ġdid. Il-Kunsill qabel unanimament.

**35.5.2 SPI/SCI/8/2021 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'**

Is-Sindku rreferiet għall-iskema hawn fuq imsemmija. Hija qalet li qed tressaq reżoluzzjoni biex il-Kunsill japprova applikazzjoni għal fondi taħt l-iskema hawn fuq imsemmija b'finanzjament ta' 85% tal-ispiża nvoluta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-iskema l-Kunsill japplika sabiex tiġi nsallata Gazebo fil-Picnic Area fi Triq il-

Pepprin Santa Luċija. Din ir-Reżoluzzjoni kienet proposta mis-Sindku s-Sinjura Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi s-Sur Frederick Cutajar. Il-Kunsill approva unanimament.

**35.5.3 Implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-Wifi4EU**

Is-Sindku spjegat li għall-iskema Wifi4EU il-Kunsill seta' jagħżel żewg points fejn jiġu nstallati l-access points tal-internet. Hija qalet li l-points li l-Kunsill kien għazel kienu l-uffiċċini tal-Kunsill sabiex il-VSA ikollhom aċċess għall-internet ukoll, kif ukoll fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita' sabiex jagħmlu użu minnu l-anzjani waqt id-day centre u l-istudenti waqt il-lezzjonijiet tal-*lifelong learning*.

**35.5.4 Installazzjoni ta' *Charging Pillars* fil-Lokalita' ta' Santa Luċija**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni sabiex il-Kunsill jerġa' jikkonferma l-*points* li l-Kunsill kien diġa' għazel. Il-Kunsill iddiskuta u reġa kkonferma l-access points ta'

- Post il-Gladjoli
- Għeneb id-dip
- Ineż Soler
- Prinjoli (near Indipendence flats li nbiddlet minħabba x-xogħolijiet li kienu qed isiru riċentament.
- Katarina Vitale (hdejn it-telephone box)
- Hdejn l-Għassa tal-Pulizija.

**35.5.5 POC 24/2021 Tender Household Waste Collection**.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva kommunikazzjoni minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill qiegħed jingħata ċ-ċans jestendi l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart għas-sena 2022 bl-istess kundizzjonijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ma jsibx oġġezzjoni l-kuntrattur il-Kunsill jestendi l-Kuntratt sal-aħħar tas-sena 2022.

35.5.5 Implimentazzjoni Sistema ta' Permess Online għall-Kunsilli Lokali

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-Kunsilli kollha kienu ser jingħataw aċċess sabiex il-permessi jibdew isiru online fuq sistema waħda. Hija qalet li permezz ta' din is-sistema issa anki l-kuntratturi ser ikunu jistgħu jitolbu għal permess mill-kumdita' ta' darhom u jħallsu ukoll online. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li minħabba f'dan

il-Kunsill kien jinħtieġ li jiftaħ *Merchant Account* li ser ikun *account* apposta fejn jiġu depositati l-ħlasijiet tal-permessi. Il-Kunsill qabel.

**35.5.6 Cir AkL 2021/130 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2022**

Is-Sindku ressqet kommunikazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli kienu mitluba jġeddu l-polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nagħżlu l-Basic Scheme u nsaqsu rigward jistax isir upgrading tal-istess polza u x'kienet tkopri.

**35.5.7 Lezzjonijiet tal-LineDancing**

Is-Sindku spjegat li l-Kunsill kien irċieva konferma mill-parroċċa li l-Kunsill seta' jagħmel uzu mis-Sala tal-Parroċċa b'ċerti kundizzjonijiet fosthom il-ħlas ta' €40 kull darba li tintuza s-sala. Saret diskuzzjoni fejn il-Kunsill qabel li sabiex ma noħolqux preċident il-lezzjonijiet isiru b'xejn u qabel ukoll li għal issa l-lezzjonijiet isiru darbtejn fix-xahar sakemm naraw x'domanda ser ikun hemm għal dawn il-lezzjonijiet. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku għandha tintbgħat e-mail uffiċċjali ta' diżappunt li l-kurja qegħdin jitolbu ħlas għal użu tas-sala tal-Parroċċa.

**35.5.8 Kwotazzjoni tal-Cat Houses & Vjal L-Oleandri (Karmig)**

Is-Sindku Charmaine St John spjegat li l-iskema tal-LCare kienet għalqet u għalhekk staqsiet lill-Kunsilliera jekk kinux jaqblu li l-Kunsill jibdel l-Cat Shelter eżistenti minħabba li diġa kien hemm kienu saru għoljin wisq u jixtri tnejn oħra minflok. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandhom jinxtraw tnejn shelters oħra u qabel ukoll li l-Kunsill jitlob stima kemm tiġi jekk issir shelter tal-injam kif ukoll tal-ġebel.

**35.5.9 Ġieħ Santa Luċija**

Is-Sindku qalet li peress li din is-sena il-Kunsill ma kienx organizza Ġieħ Santa Luċija, hija proponiet li s-sena d-dieħla jingħata rikonoxximent doppju sabiex ta' din is-sena ma jkunx intilef. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament ma din il-proposta.

**35.5.10 Laqgħa Planning Authority (Civic Centre)**

Is-Sindku qalet li flimkien mal-Viċi Sindku kienet attendiet laqgħa l-Planning Authority fejn ġiet diskussa l-applikazzjoni għal bini tas-Ċivic Centre. Hija spjegat li minħabba l-inkwiet tan-nies kienu ser isiru pjanti ġodda b'sular anqas. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwistjoni.

Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill li l-applikazzjoni minn naħa ta' Parks Malta għal Picnic Area kienet daħlet il-Planning Authority.

**35.6 Update Laqgħa Bord Transport Malta**

Is-Sindku qalet li xtaqet tagħti update tal-laqgħa li l-Kunsill kellu quddiem il-Bord ta' Transport Malta. Hija qalet li l-Kunsill kien ressaq id-deċiżjoni li ttieħdet waqt il-laqgħa tal-Kunsill li ma kienx qed jaqbel li għandha tinbidel ir-rotta tal-karozzi tal-linja. Is-Sindku spjegat ukoll li min-naħa tagħhom Transport Malta argumentaw li riedu jbiddlu r-rotta minħabba l-periklu li ser jinħoloq fejn il-Girna u li ma riedux jerfgħu r-responsabbilita' ta' dan tant li kkonfermaw li kienu lesti jagħlqu l-entratura ta' Santa Luċija min-naħa tal-Barrani. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jagħmel rapport tal-periklu li kien hemm fi Triq il-Prinjoli tant li l-karozzi kienu qed isuqu b'veloċita' qawwija fuq il-promenade li għadha kif saret fi Triq il-Prinjoli.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll ix-xogħolijiet fi Triq il-Prinjoli fejn il-Kunsillier Dr Liam Sciberras propona li f'din it-triq għandu jkun hemm sistem ta' gutters sabiex ilaħħqu mal-ilmijiet tax-xita u li Infrastructure Malta kienu qiegħdin jgħidu li ma kienx hemm bżonn.

**35.7 Kuntratt Xiri Vann**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għall-offerti fuq epps sabiex jinxtara l-vann kienet għalqet u sfortunatament ma kinitx intefgħet ebda offerta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minħabba li ma tantx kien fadal żmien sabiex il-Kunsill lesti u jitlob lura l-finanzjament ta' dan il-proġett mill-Lesa, l-Kunsill għandu jibgħat talba lid-Dipartiment għall-approvazzjoini sabiex ikun jista' jinxtara b'direct order. Il-Kunsill qabel unanimament.

**35.8 Mistoqsijiet għall-Kunsilliera**

35.8.1 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li l-parkeġġi li kien hemm quddiem il-garaxxijiet fi Triq Ġuljetta Lopez kienu qed ikunu ta' ostakolu għal min ikun irid joħroġ mill-garaxxijiet. Is-Sindku ssuġerixxiet li qabel ma l-Kunsill jieħdu deċiżjoni l-aħjar nistennew id-deċiżjoni minn Transport Malta rigward ir-rotta tal-karozzi tal-linja. Il-Kunsill qabel.

35.8.2 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li fi Triq Katarina Vitale kien qed ikun hemm tlett karozzi pparkjati ħdejn il-gnien li qiegħdin ikunu ta' periklu għal karozzi li jkunu ħerġin minn Triq il-Pepprin. Is-Sindku qalet li dan l-ilment diġa' kien għadda għand il-Community Policing pero' kif kienu qed imorru jiċċekjaw il-karozzi mhux qed ikunu preżenti.

**35.9 Awguri tal-Milied u s-Sena t-Tajba**

Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera preżenti taw l-awguri tagħhom lil xulxin kif ukoll lill-kommunita’ ta’ Santa Luċija kollha.

35**.10 Tmiem il-Laqgħa u data tas-setuda li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:37pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 25 ta’ Jannar, 2022 fil-5:00pm. Konfermati llum il- ______________________________, ta’ _____________2022.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |